**5 ta' Ġunju, 1985**

**Imħallfin: -**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. - President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R. Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius LL.D.**

Edwin Camilleri għan-nom u fl-interess ta' *Edwin Fur Fashions Limited*

*versus*

Emanuel Caruana u Joseph Caruana f'isimhom proprju kif ukoll għan-nom u fl-interess ta' "*M.A.C. Caruana Brothers*".

**Kuntratt - Inadempjenza Kontrattwali - Esekuzzjoni Mhux skond l-Arti u s-Sengħa**

*L-attur talab kundanna għall-pagament għall-esekuzzjoni ta' xogħol ta' ħwejjeġ. Il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat l-eċċezzjoni ta' l-ewwel Qorti in kwantu din sabet illi x-xogħol ta' waist jackets ma kienx esegwit skond l-arti u s-sengħa u laqgħet it-talba attriċi limitatament wara li ddeduċidiet ammont relattiv.*

Il-Qorti: -

Rat iċ-ċitazzjoni pprezentata quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ li biha l-attur *nomine* wara li ppremetta li hu hadem fuq ordni tal-konvenuti *pro et nomine* diversi ġgieket magħrufa bħala *Waist Jackets*, liema ġgieket ġew debitament ikkonsenjati lill-konvenuti *pro et nomine* u dana bil-prezz komplessiv ta' Lm577.15,0 kif jidher mill-*Invoice* numru 341 tal-20 ta'

Novembru, 1979, Dok.A anness maċ-ċitazzjoni; u li l-attur (l-appellant) *nomine* hadem fuq ordni ta' l-istess konvenuti *pro et nomine* diversi ġgieket magħrufa bħala *Safari Jackets*, liema ġgieket gew debitament ikkonsenjati lill-konvenuti *pro et nomine* u dana bil-prezz ta' Lm688.80,0 kif jidher aħjar mill-*Invoice* numru 299 tat-28 ta' Novembru, 1979, anness maċ-ċitazzjoni; u illi l-prezz globali ta' l-imsemmija ġgieket jammonta għal Lm1265.95,0 liema prezz il-konvenuti *pro et nomine* qed jirrifjutaw li jħallsu għalkemm ġew mitluba jagħmlu dan diversi drabi; talab li l-konvenuti *pro et nomine* għar-raġunijiet fuq imsemmija, jiġu kkundannati jħallsuh l-imsemmija somma ta' Lm1265.95,0 prezz ta' ġgieket kif qabel imsemmi;

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta' l-istess attur *nomine*;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti *proprio et nomine* li biha eċċepew li huma ma humiex tenuti li jħallsu għall-*Waist Jackets* peress li dawn ma sarux skond l-ordni tagħhom u lanqas skond l-arti u s-sengħa;

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ tas-7 ta' Frar, 1983, li biha laqgħat l-eċċezzjoni tal-konvenuti fis-sens li ddikjarat li huma ma humiex tenuti jħallsu għall-*waist jackets* peress li dawn ma sarux skond l-ordni tagħhom u lanqas skond l-arti u s-sengħa; kwindi għalhekk u għar-ragunijiet imsemmija fl-istess sentenza, laqgħet it-talba ta' l-attur limitatament għas-somma ta' Lm688.80,0, li minnha jrid jitnaqqas il-valur tal-materjal indikat fil-paragrafu 4 tal-konkluzjonijiet peritali u għalhekk wara li jitnaqqas dan il-valur, ikkundannat lill-konvenuti jħallsu lill-attur dik is-somma bilanċjali risultanti u dan għar-raġunijiet mogħtija; taħt iċ-ċirkustanzi, dik il-Qorti

ordnat li l-ispejjeż għandhom jiġu ssopportati proporzjonatament skond ir-rebħ u telf tal-partijiet rispettivament u dan wara li dik Onorabbli Qorti kkunsidrat li ġej: -

"L-attur *nomine* qed jallega li hu kien ħadem fuq ordni tal-konvenuti *proprio et nomine* diversi ġgieket magħrufa bħala *Waist Jacket,* li ġew debitament ikkonsenjati lill-konvenuti *proprio et nomine* bil-prezz komplessiv ta' Lm577.15, skond l-*Invoice* Nru. 341 ta' l-20 ta' Novembru, 1978, li qed tiġi annessa Dok. A. Barra minn dan l-attur ħadem ukoll partita *Safari Jackets* lill konvenuti u debitament ikkonsenjati bil-prezz ta' Lm688.80, skond l-*Invoice* Nru. 299 tat-28 ta' Novembru, 1979, (Dok. B); billi l-konvenuti rrifjutaw li jħallsu l-ammont globali ta' Lm1,265.95, l-attur kellu jistitwixxi din il-kawża".

"L-eċċezzjoni tal-konvenuti *proprio et nomine* hija li huma mhumiex tenuti li jħallsu għall-*Waist Jackets* peress li dawn ma sarux skond l-ordni tagħhom u lanqas skond is-sengħa u l-arti".

"B'digriet tagħha tas-27 ta' Novembru, 1980, din il-Qorti nnominat lill-Avukat Dr. Paul Gauci Maistre, Perit Legali, biex ifittex u jirrelata dwar it-talbiet ta' l-attur wara li jieħu konjizzjoni ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u b'digriet ieħor tagħha tat-22 ta' Mejju, 1981, din il-Qorti nnominat lill Filiberto Tufigno, espert, biex jassistih. Dawn debitament ipprezentaw ir-relazzjoni tagħhom fis-27 ta' April, 1982, u ħalfuha fit-28 ta' Mejju, 1982";

"Il-Perit Legali wasal għall-konkluzjonijiet li:"

"1. L-eċċezzjonijiet tal-konvenut li l-*Waist Jackets* ma sarux skond l-ordni tagħhom u inqas skond l-arti u s-sengħa

għandha tiġi milqugħa;''

"2. L-attur huwa responsabbli ta' dan ix-xogħol ħażin;"

"3. L-attur ma hux intitolat għall-ħlas ta' Lm577.15, prezz tal-manifattura tal-*Waist Jackets*;

"4. Il-konvenuti għandhom dritt inaqqsu l-valur tal-materjal użat fil-*Waist Jackets* u li ma ġewx utilizzati mill-konvenuti; u"

"5. L-atturi għandhom dritt għall-ħlas ta' Lm668.80, prezz tal-manifattura tas-*Safari Jackets* nieqes il-valur tal-materjal imsemmi fil-paragrafu preċedenti li għad irid jiġi llikwidat";

"Din il-Qorti wara li eżaminat il-provi kollha fil-kawża u verbali tax-xhieda u r-relazzjoni stess tiddikjara li taqbel mal-konkluzzjonijiet peritali u għalhekk qed taddottahom u tagħmilhom tagħha";

Rat a fol. 116 in-nota ta' l-appell ta' l-attur *nomine* u a fol. 117 sa 120 il-petizzjoni ta' l-appell tiegħu li biha talab li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn ikkundannat lill-konvenuti *proprio et nomine* iħallsu lill-attur is-somma ta' Lm688.80, prezz ta' *Safari Jackets* u tirrevokaha għall-kumplament u minflok tikkundanna lill-konvenuti *proprio et nomine* jħallsu lill-attur *nomine* s-somma ta' Lm577.15, prezz tal-*Waist Jackets*, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti *proprio et nomine* appellati u bl-imgħax kummerċjali fuq l-istess ammonti;

Rat a fol.124 sa 125 ir-risposta ta' l-appell ta' l-appellati

Emanuel u Joseph Caruana personalment u fil-kwalità tagħhom premessi li biha għar-raġunijiet fiha kkontenuti ssottomettew illi s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma;

Rat l-atti kollha li huma rilevanti u opportuni;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat: -

Illi *in verità* salv l-aħħar aggravju li anki fir-rigward tiegħu ftit hemm x'wieħed jgħid l-appell odjern kważi jirrażenta t-tenerarjetà kif ser jiġi spjegat;

Fl-ewwel lok l-appellant jilmenta li l-espert tekniku Filiberto Tufigno għamel il-konkluzzjonijiet tiegħu mingħajr ma daħal fl-ispirtu tal-ftehim bejn l-partijiet;

Illi bir-rispett kollu l-perit tekniku jidher mir-rapport tiegħu li espleta l-inkariku tiegħu kif kien rikjest minnu u li kien dak li bħala espert tekniku jassisti lill-Perit Legali, Dr. Paul Gauci Maistre. L-ispirtu tal-ftehim li fuqu nsista ħafna l-appellant ittieħed in konsiderazzjoni fir-relazzjoni tal-Perit Legali fil-limiti li kien jimmerita u din il-Qorti ma tarax x'tista' tiċċensura fir-rigward;

Fit-tieni lok l-appellant qed isostni li x-xogħol minnu magħmul fl-imsemmija ġgieket sar skond l-ordni u skond is-sengħa u l-arti;

Illi anki fir-rigward ta' dan l-aggravju ftit hemm x'jngħad. Infatti jiġi ssenjalat dak li rrivela l-espert Tufigno u li l-appellant

ma pprovax skorrett u ċjoè: -

1) hemm difett radikali fit-tifsila tad-dahar u l-iskullatura tal-kmiem;

2) għalkemm sar il-*grading* bejn *size* u ieħor ma sarx kif trid is-sengħa peress li bejn *size* u ieħor ftit hemm differenza fil-*grading;*

3) Id-differenza fis-*sizes* hija evidenti għal dak li jirrigwarda t-tul tal-ġakketta, il-wisa' u t-tul tal-kmiem. Għalhemm anke kieku l-"*extra large*" kellu jiġi "*small*", dana ma jistax jintlibes peress illi l-kmiem u t-tul tal-ġakketta ma humiex ta' *size small* imma akbar. Il-ġgieket ivarjaw inkwantu għal wisa';

4) Minħabba d-difett radikali tat-tifsila tad-dahar u l-iskullatura huwa diffiċli ħafna u mhux ekonomiku li l-ġgieket jiġu rranġati;

5) Anke jekk *per ipotesi* l-ordni tal-ġgieket ingħatat skond kif inħadmu dan qatt ma messu ġie aċċettat peress li s-sengħa ma titlobx li x-xogħol jinħadem b'dak il-mod;

Fit-tielet lok l-appellant ilmenta illi l-appellati fin-negozju tagħhom miegħu ma wrewx *bona fede* għax ma ħallsu ta' xejn lanqas ta' dak li kienu soddisfatti bih;

Illi dan hu kollu veru apparti mill-kwistjoni intrinsika jekk dan l-aġir jammontax għal *mala fede* jew le. Hu x'inhu però l-argument ta' l-appellant hu totalment irrelevanti għall-fini ta' l-appell għax il-posizzjoni tal-partijiet hi riflessa fil-parti

dispozittiva tas-sentenza appellata rigwardanti l-kap ta' l-ispejjeż;

Fl-aħħarnett l-appellant jilmenta illi s-sentenza appellata ma tistax tiġi esegwita u hi għalhekk nulla. Hu jispjega dan l-aggravju kif ġej:

"Fid-deċizjoni l-Ewwel Onorabbli Qorti ntalbet il-kundanna tal-ħlas fil-prezz tas-*Safari Jackets* għat-tnaqqis tal-prezz tal-materjal użat għall-*Waist Jackets*, liema ammont ma jistax jiġi determinat mill-proċess kollu għalhekk is-sentenza qatt ma tista' tiġi esegwita, għaliex anki l-parti ta' l-ispejjeż hija marbuta mal-fatt ta' hawn fuq";

Illi fir-rigward ta' din il-kwistjoni l-perit legali kien għamilha ċara illi *stante* li għall-*Waist Jackets* kien intuża materjal tal-konvenuti mill-ammont dovut għas-*Safari Jackets* għandu jitnaqqas il-valur tal-materjal li sar riversabbli. L-argument bażiku kien li ġaladarba l-attur huwa responsabbli ta' l-esekuzzjoni ħażina tal-*Waist Jackets* allura għandu jbati l-valur tal-materjal minnu użat u li ma serviex għall-iskop li tawhulu l-konvenuti. Il-perit legali ma kienx fi stat li jillikwida l-ammont eżatt li għalih huma intitolati l-konvenuti *stante* li huma biegħu xi ġġieket u għalhekk muhx il-ġġieket kollha maħduma mill-attur ma ġewx utilizzati *stante* li kif qalu biegħu xi ħaġa lil frustieri li ma qagħdux jippruvawhom;

Illi hu evidenti wkoll minn dak kollu li ngħad illi apparti milli jidher li l-ammont li hekk irid jitnaqqas ma ġiex determinat l-istess hu però determinabbli u fil-fatt seta' a bażi tad-dokument a fol. 16 tal-proċess u l-vantaġġ ta' xi ġġieket fadal jinħadem faċilment u għadu jista' jinħadem. Ma jistax għalhekk bl-ebda

mod jiġi argumentat li s-sentenza appellata mhiex esegwibbli u għalhekk l-aggravju relattiv ta' l-appellant hu infondat;

L-appellant fil-petizzjoni ta' l-appell tiegħu għandu diversi argumenti oħra però bir-rispett kollu aktar milli argumenti huma apologija ta' dak li mhu xejn ħlief inadempjenza kontrattwali u ma jimmeritawx aktar konsiderazzjoni hemmhekk;

Għal dawn il-motivi tiddisponi mill-Appell interpost billi tiċħad l-istess u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż ta' dan l-appell ikunu a kariku ta' l-attur appellant *nomine*.